**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 653/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**-Vs-**

**HORACE DESIRA**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **HORACE DESIRA** ta' 46 sena, bin Emanuel Desira u Josephine nee' Vella, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Frar 1977, resident ġewwa 2, St. Catherine, Triq il-Grawwa, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 184677M, li ġie akkużat talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll

jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik iinifsek jew ghal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet  foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji , sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

8. U aktar talli kellek fil-pussess jew kellek taħt il-kontroll tiegħek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

   Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvediment tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Awwissu 2023 fejn laqgħet it-talba tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali u d-Direttur Ġenerali tal-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza ammetthom fil-proċeduri bħala parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023, jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu.

Semgħet lil Martin Buhagiar, Assistent Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jiddikjara quddiemha li l-ammont meħud mill-imputat għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huwa ta' €19,109.36 u li dan l-ammont ġie mħallas lura in toto lid-Dipartiment qabel illum[1].

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'hijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li jaqblu li l-imputat huwa impjegat pubbliku u kien impjegat pubbliku fiż-żmien tat-twettiq tar-reati ta' falsifikazzjoni li jinsab mixli dwarhom u li d-delitti ta' falsifikazzjoni ma ġewx kommessi minnu fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu bħala impjegat pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha għajr naturalment għal dawk li ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħed jinstab ħati tagħhom l-imputat u l-ammont sostanzjali li nkiseb mill-imputat b'riżultat tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati. Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali netta tal-imputat, kif ukoll tal-fatt illi huwa ammetta l-ħtija tiegħu fl-iktar stadju bikri

[1] Ara dokument u riċevuta f'paġna 21 u paġna 22 tal-atti proċesswali.

tal-proċeduri. Fuq kollox, il-fatt illi l-imputat ħallas lura lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali l-ammont kollu perċepit minnu illegalment permezz tal-kommissjoni tar-reati addebitati lilu u dan tabilħaqq qabel ġie interrogat mill-Pulizija in konnessjoni mal-każ, kif del resto ġie konċess mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni dwar il-piena fejn iddikjarat ukoll li mhemmx insistenza dwar piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tal-att u l-użu tiegħu mill-imputat, ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167 u 183 kif ukoll l-artikolu 188 tal-Kap. 9 - ċioe' li għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz lil awtorità pubblika. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9, kif ukoll il-mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Bl-ammissjoni tal-imputat għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, huwa ma jistax jinstab ħati wkoll għar-reat tal-frodi innominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 għaliex dan ir-reat jinstab ħati tagħha min jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjono bin-numru sebgħa (7) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Dan magħdud il-fatt illi uħud mir-reati addebitati lill-imputat evidentement twettqu bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni ta' reati oħrajn li jinsab mixli bihom. Hekk per eżempju, ir-reat fl-ewwel imputazzjoni twettaq bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni tar-reat fit-tieni imputazzjoni, u l-istess ir-reat fit-tielet imputazzjoni, li ġie kommess bħala mezz għall-fini tat-twettiq tar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni. Fl-istess waqt, il-Qorti fehmet ukoll – anke fin-nuqqas ta' prova kuntrarja fl-atti proċesswali – li r-reati kommessi bil-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument iffalsifikat twettqu sewwasew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi u r-reat taħt l-

artikolu 310BA tal-Kap. 9. Isibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputat ammetta l-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi, biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ukoll;

Illi ġie sottomess mid-difiża illi l-Qorti ma għandhiex tapplika b'żieda mal-piena, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 190 tal-Kap. 9 li jipprovdu għall-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa "*fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi*". Targomenta hekk għaliex id-delitt ta' falsifikazzjoni ma ġiex kommess mill-imputat għall-fini jew fil-kors tax-xogħol tiegħu bħala impjegat pubbliku u l-falsifikazzjoni ma kienetx in konnessjoni ma' xogħolu fis-servizz pubbliku. Il-Prosekuzzjoni da parti tagħha, filwaqt li taqbel li l-imputat ma kkommettiex ir-reat ta' falsifikazzjoni għall-fini jew fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu bħala impjegat pubbliku, insistiet għaż-żieda ta' din il-piena għaliex hija waħda mandatorja li għandha tiġi applikata f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija għad-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Mhux kontestat li l-imputat huwa impjegat pubbliku u kien impjegat pubbliku fiż-żmien tal-kommissjoni tad-delitti ta' falsifikazzjoni li ammetta l-ħtija tiegħu dwarhom.

L-artikolu 190 tal-Kap. 9 jiddisponi:-

"*Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, il-piena ta' l-interdizzjoni generali perpetwa* ***ghandha dejjem tizdied*** *mal-piena stabbilita ghad-delitt.*" (emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti ma taqbilx li hija tista' twarrab id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 190 tal-Kap. 9 fil-każ in diżamina għaliex il-liġi evidentement trid illi din il-piena tiżdied **dejjem** mal-piena f'każ ta' ħtija għad-delitti ta' falsifikazzjoni magħmula minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi. Fil-fatt, ma ssir ebda distinzjoni f'din id-dispożizzjonijiet legali għall-fini tal-applikazzjoni tal-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa, bejn delitti ta' falsifikazzjoni li jitwettqu mill-ħati li jkun impjegat jew uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-kariga pubblika tiegħu u delitti ta' falsfikazzjoni li jitwettqu mill-istess ħati fejn il-falsifikazzjoni ma jkollha x'taqsam xejn mal-kariga pubblika tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tistax hija stess tagħmel din id-distinzjoni: kieku l-leġislatur ried jeskludi l-applikazzjoni tal-piena stabbilita fl-artikolu 10 tal-Kap. 9 f'każ ta' ħtija għal delitti ta' falsifikazzjoni li jiġu kommessi f'ċirkostanzi bħal dawn imfissra mid-difiża, kien jagħmel eċċezzjoni f'dan is-sens: *ubi lex volti dixit*.

Dan il-ħsieb hu wkoll konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali in materja, fejn f'sentenza tat-2 ta' Ġunju 2005, qalet hekk:-

"*L-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa ghandha dejjem tizdied mall-piena stabilita ghad-delitt. Dan l-artikolu li jinsab taht l-intestatura "Dispozizzjonijiet Generali li Jghoddu ghal dan it-Titolu" u cioe t-Titolu V li jipprovdi dwar delitti kontra l-fiducja pubblika w li jinkludi tahtu d-dispozizzjonijiet fuq imsemmija li l-appellat ammetta r-rejita' taghhom.*

*Ghalhekk hu car u manifest li l-Ewwel Qorti, ladarba rriskontrat htija taht dawn id-dispozizzjonijiet, kienet marbuta bil-ligi li timponi fuq l-appellat Borg ukoll l-*

*interdizzjoni generali perpetwa atenur tal-artikolu 190. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat u qed jigi milqugh.*"[2]

Dan l-istess ħsieb ġie riaffermat f'sentenza iktar reċenti tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali fejn għalkemm fil-każ li kellha quddiemha l-falsifikazzjoni ma ġietx kommessa in konnessjoni max-xogħol tal-ħatja, ġie riskontrat ksur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi Kriminali li hija waħda mid-dispożizzjonijiet li tikkontempla delitt ta' falsifikazzjoni imsemmi fl-artikolu 190 tal-istess Kodiċi, u ġie ritenut:-

"*Dan l-artikolu ma jipprovdi ghall-ebda eccezzjoni. Mela, jekk sar delitt ta' falsifikazzjoni bi ksur ta' xi artikolu kontemplat fit-Titolu V tal-Kodici Kriminali u jekk il-hati jkun ufficjal jew impjegat pubbliku, il-piena msemmija fl-artikolu 190 ghandha tizdied. Fil-kaz in ezami, l-appellanti ammettiet li kkommettiet delitt ta' falsifikazzjoni, kienet impjegata pubblika, u ghalhekk l-interdizzjoni generali perpetwa kellha tigi wkoll applikata.*"[3]

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) għaliex hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6) u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 183, 184, 188, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil HORACE DESIRA ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tikkundannah ukoll b'żieda mal-piena ġia' inflitta, għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa taħt l-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

---

[2] **Il-Pulizija v. Richard Vella, Philip Borg**.

[3] **Il-Pulizija v. Maria Speranza Magro,** deċiża 15.9.2010.

**A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna għall-fini tal-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li din is-sentenza bil-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**